Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS-SEBA' u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 3 ta' Settembru 2014

**Ħin:** Mid-9am sal-10.35am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sitta u Erbgħin laqgħa ta' nhar il-Ħamis 13 ta' Awwissu 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti**

Il-Kunsiller Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq *l-overgrown trees.*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ntbgħatet in-nota lil kull min għandu din il-problema tas-siġar u ngħata ġimgħatejn ċans biex is-siġar jinzabru.

Is-Sindku John Zammit Montebello xtaq jippreċiza li ma għandu xejn personali lejn ħadd u din in-nota ntbgħatet lil kulħadd konċernat.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-art vojta tal-Joint Office li tinsab f'Wesgħa Profs Guze Aquilina ġiet imnaddfa.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa kellu laqgħa mal-Ing. Aloisio fejn ser jitħejja t-Tender għal ħruġ ta' CCTV cameras madwar il-bring in sites u playing field.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet f'Guze Bonnici għadhom ma bdewx minħabba li l-WSC għadhom ma rċevewx l-approvazzjoni mid-Dipartiment tat-Teżor. Fuq din intervjena l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex jitħaffef il-proċess imma s'issa ma hemmx żviluppi.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinkiteb ittra lir-residenti tat-triq u jiġu infurmati b'dan id-dewmien min naħa tal-WSC.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4241**: Proposta ta' bankina quddiem Palazzo Bosio. Preżenti kien hemm il-perita tal-applikant.

Wara li saret diskussjoni u l-perita wieġbet għal xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera ġie deċiż li jerġgħu jiġu sottomessi pjanti ġodda għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill fejn il-pjanti juru bankina wiesgħa 2.2m tul il-faċċata tal-propjeta'.

**Ittra Nru. 4238**: Talba ta' resident imressqa mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex il-gazebo tal-ġnien pubbliku isirilha manutenzjoni.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex il-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu din il-manutenzjoni.

**Ittra Nru. 4238:** Talba ta' resident mressqa mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex ir-rotta 106 iżżomm ma' l-iskeda tal-ħinijiet għax ġieli ma jgħaddux.

Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera li biex jitressaq ilment quddiem Transport Malta irid ikollu f'idejh il-ġurnata u l-ħin ta' meta ma għaddietx il-karozza tal-linja.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħtu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**Ilment Nru 17014059215035**: Talba mis- Sur Vince Fenech biex isir rail mal-ħajt tat-tarf ta' Sqaq Nru1, Triq Il-Kbira. Il-Kunsill ddeċieda li s- Sur Fenech għandu jitlob permess bil-miktub lis-sid tad-dar li mal-ħajt tar-residenza tiegħu irid li jitpoġġa ir-rail.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 Dekasteru Edukazzjoni, Kultura u Pubblikazzjonijiet

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello beda biex qal li s-sottokumitati qegħdin hemm biex jiffaċilitaw il-ħidma tal-Kunsill. Dawn huma strument importanti biex il-Kunsill jaqdi l-ħtiġijiet tar-residenti b'mod aħjar. Deċizjoni finali tittieħed dejjem mill-Kunsill. Kull attivita',kemm jekk hi kulturali jew tal-anzjani, hija attivita' għall-komunita' Balzanija.

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello ta *ruling* fejn qal li bħala kultura, il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara għandu kull dritt jorganizza ħarġiet kulturali u l-istess il-Kunsillier Guido Borg għall-anzjani bil-fondi stabbiliti kull sena għal dak is-sottokumitat. Kulħadd għandu dritt li jorganizza basta l-attivitajiet ma jaħbtux ma' xulxin fl-istess ġurnata.

## 5 Komunikazzjoni tas- Sindku

Is-Sindku Dr. J. Zammit Montebello qal li wara li l-Bord tal-Appelli sab li l-Kunsill kellu raġun fl-għoti tat-tender tal- *Ornamental Street Lighting*, l-applikazzjoni mal-UIF ser tiġi sottomessa mal-MEPA u kif ikun hemm l-approvazjoni, jkun jista' jiġi implimentat.

Is-Sindku Dr. J. Zammit Montebello huwa xi ftit inkwetat bis-sitwazżjoni tal-ufficċju tal-Kunsill biex jinstab post alternattiv u l-Kunsill irid ikun lest għal kull eventwalita'. Huwa talab lill-Kunsilliera biex jaħsbu ftit fuq din is-sitwazzjoni.

## 6 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-3 ta' Settembru 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 16,631.08

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 7 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li jitwaħħlu xi *doggy bins* fi Wesgħa Profs Guze Aquilina. Il-Kunsill approva li jitwaħħlu.

Il-Kunsillier Stephen Gatt ġibed l-attenzjoni li meta jinġabar il-ħġieġ, il-kontenituri qed jitħallew barra mir-residenti jew stabbilimenti. Sadanittant huwa tkellem ma' GreenPak fejn infurmawh li jistgħu jintuzaw paper bags.

Is-Segretarju ser ikellem lill-kumpanija biex isir reklamar ta' dan mar-residenti.

Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li ser ikellem lil Head tal-Iskola Stella Maris biex forsi tiġi organizzata '*plant a tree'*

Il-Viċi Sindku Joe Galea talab lill-Kunsill li jinbidlu l-*mats* tal-playground. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jistax isir xi ħaġa fuq il-klieb li jitħallew fuq il-bjut il-ġurnata kollha.

Is- Segretarju infurmah li rapport irid isir l-għassa tal-pulizija biex jinfurzaw.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward l-abbuż li qed isir fuq ir-*reserved boxes.*

Is-Segretarju infurmah li jekk xi ħadd ikun jaf b'xi abbuzi minn dawn għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill u jsir rapport lil-Transport Malta.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 1 ta' Ottubru 2014 fid-9.00am.

**Dr. John Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data